Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 40/2015

**Nathalie Carabott (appellata)**

**Vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta Socjali (appellant)**

30 ta' Jannar, 2017.

1. B'decizjoni tal-14 ta' Settembru, 2015 l-Arbitru laqa' l-appell tal-appellata limitatament ghal fatt li ma kienx hemm bizzejjed provi li ma kinitx qeghda tghix b'mod permanenti u regolari fil-fond dikjarat. Min-naha l-ohra kkonkluda li l-minuri Elena ma kinitx qeghda tghix fil-fond dikjarat mill-appellata izda ma' missierha gewwa Haz-Zebbug.

2. L-appellant appella mid-decizjoni. L-aggravju gie spjegat b'dan il-mod:

*"10. Illi mill-ispezzjoni rrizulta li l-appellata ma kinitx qed tghix fl-indirizz li hija ddikjarat mad-Dipartiment u dan ghaliex apparti l-fatt li l-appellata ma kinitx fid-dar fil-hin tal-ispezzjoni, iktar minn hekk, meta l-ispetturi ghamlu tfittxija taghhom, ma nstabux bizzejjed hwejjeg u oggetti li jistghu jigu assocjati mal-appellata."*

3. Wara li l-qorti qrat l-atti, tosserva li dan hu kaz fejn l-investigazzjoni li ghamlu l-ispetturi setat saret b'iktar attenzjoni. Kif tajjeb osserva l-Arbitru, il-logika tghidlek li dakinhar li saret l-ispezzjoni fil-fond Flat 4, Robyan, Triq il-Mimosa, Pieta (5 ta' Marzu 2014) messha saret ukoll spezzjoni fil-fond 37, Triq Ganni Cilia, Zebbug, fejn ighix Jason Cauchi. Pero dik l-ispezzjoni saret biss fit-13 ta' Marzu 2014.

4. L-appellant ibbaza l-appell fuq il-fatt li ma nstabux bizzejjed hwejjeg u oggetti li jistghu jigu assocjati mal-appellata. L-Arbitru qal:

*"Illi dwar l-appellanta jirrizulta illi nstabu xi hwejjeg (mhux hafna) li setghu jkunu appartenenti lilha gewwa l-fond tal-Pieta' u minkejja illi Sabrina nfurmat lill-Ispettur illi ommha (u Elena) kienu jghixu f'dik ir-residenza, Sabrina qalet ukoll illi ommha (u Elena) gieli ma jkunux hemm. L-arbitru jirrileva illi fil-kaz odjern dan tal-ahhar ma hux bizzejjed sabiex wiehed jasal ghall-konkluzjoni li l-appellanta ma kinitx qed tghix u tirrisjedi b'mod permanenti u regolari f'dak l-indirizz. Kien ikun ferm aktar ahjar li kieku saret spezzjoni dakinhar stess fil-fond ta' Cauchi sabiex wiehed jara jekk kienx hemm affarijiet li setghu juru illi l-appellanta setghat kienet qed tghix f'dak il-fond. Fil-kaz tal-minuri Elena, ma kienx hemm bzonn ta' dan ghaliex l-fatti rrizultaw (1) mill-fatt illi nstabu l-ebda hwejjeg fil-fond tal-Pieta' (2) mill-investigazzjoni li saret fl-iskola ta' Haz-Zebbug u (3) mill-ammissjoni ta' Cauchi stess f'dan ir-rigward".*

Dwar il-provi, il-qorti tosserva:

i. Minn dak li xehedet Isabelle Busuttil, l-ispettur tad-Dipartiment tal-Investigazzjoni u Frodi, hu evidenti li Sabrina Carabott pprovat tizgwida lill-ispetturi meta wriethom hwejjeg li qalet li huma tal-minuri Elena. Dan meta mill-provi rrizulta li Elena ma kinitx tghix fil-fond fejn kienet dikjarata qeghda tghix. L-Arbitru stess ikkonkluda li l-minuri Elena ma kinitx tghix fil-fond tal-Pieta, li hu l-indirizz dikjarat fl-applikazzjoni ghall-ghajnuna socjali li kienet ipprezentat l-appellata. Dan l-atteggament min-naha ta' Sabrina Carabott igieghel lill-qorti biex tiskarta l-verzjoni li tat lill-ispetturi li ommha kienet qeghda tghix f'dak il-fond. L-istess fir-rigward ta' dak li qalet dwar il-hwejjeg ta' ommha. Min jipprova jqarraq ma jistax jitwemmen. Irrizulta wkoll li meta ntalbet mill-ispetturi sabiex turihom il-hwejjeg tal-appellata, kull m'uriethom kien, *"... fl-ewwel kompartiment innutajna* ***gozz hwejjeg mitfugh bl-addocc li Sabrina ddeskriviet bhala taghha u ta' ommha****... L-ispettorat staqsa lil Sabrina jekk ommha kellhiex aktar hwejjeg izda hija wiegbet fin-negattiv.....".* Dan minghajr ma offriet spjegazzjoni ghalfejn il-hwejjeg kienu mhalltin fl-ewwel kompartiment ta' gwardarobba. Verzjoni li l-qorti tqies li kienet parti mill-istratagemma ta' Sabrina Carabott biex tipprova turi li ommha verament kienet residenti f'dak il-fond.

ii. Il-verzjoni li tat l-appellata ma tistax titwemmen. Hi gidbet meta qalet li bintha Elena qeghda tghix maghha fil-fond Flat 4, Robyan, Triq il-Mimosa, Pieta (seduta 19 ta' Jannar, 2015). Mill-provi rrizulta li Elena tghix ma' missierha tant li fil-kors tal-investigazzjoni kien irrizulta li mill-4 ta' Settembru, 2013 kienet giet registrata fl-iskola primarja ta' Haz-Zebbug. Mill-ispezzjoni li saret fir-residenza ta' Jason Cauchi fit-13 ta' Marzu, 2014, kien irrizulta wkoll li t-tifla kienet qeghda tghix ma' missierha.

iii. Fic-cirkostanzi fuq bazi ta' probabilta, minn dak li rrizulta fl-ispezzjoni li saret fil-5 ta' Marzu 2014 gewwa l-appartament numru 4, Robyan, Triq il-Mimosa, Pieta, l-appellata ma kinitx qeghda tghix f'dak il-fond.

iv. Ghal dak li jirrigwarda l-pretensjoni tal-appellant ghas-somma ta' €3,294.02 u li tirreferi ghall-perjodu bejn is-7 ta' Settembru 2013 u s-26 ta' Settembru, 2014 u dan fil-konfront tal-appellata, **din hi valida biss ghall-perjodu mill-5 ta' Marzu 2014** cjoe' d-data li minnha rrizulta li probabilment l-appellata ma kinitx qeghda tghix fl-indirizz li ddikjara fl-applikazzjoni ghall-ghajnuna socjali li pprezentat. M'hemmx

provi dwar fejn kienet qeghda tghix l-appellata fil-perjodu bejn is-7 ta' Settembru 2013 sal-4 ta' Marzu, 2014.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' parzjalment l-aggravju tal-appellant u tvarja s-sentenza fis-sens li:**

i. **Thassarha ghal dak li jirrigwarda dik il-parti fejn gie ddikjarat li *"... ma hemmx bizzejjed provi li juru illi l-appellanta ma kinitx qeghda tirrisjedi b'mod permanenti"*, u minflok tiddikjara li mill-5 ta' Marzu 2014 ma kinitx intitolata ghall-ghajnuna socjali gialadarba mill-provi jirrizulta li probabilment ma kinitx qeghda tghix fl-appartament numru 4, Robyan, Triq Mimosa, Pieta. B'dan li r-rifuzjoni tal-ghajnuna socjali li hi dovuta lid-Dipartiment fir-rigward ta' Natalina Carabott, ghandha tiddekorri mill-5 ta' Marzu, 2014 sas-16 ta' Settembru, 2014 u mhux mis-7 ta' Settembru, 2013.**

ii. **Tikkonferma d-decizjoni ghal dak li nghad fir-rigward tal-minuri Elena.**

**Spejjez jinqasmu nofs bin-nofs.**

Anthony Ellul.